DIRETTIVA 01/2026

Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Lokali matul il-perjodu tal-Festi

Lil: Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri u Segretarji Eżekuttivi, Kunsilli Lokali

Mingħand: Direttur Ġenerali, Gvern Lokali

Data: 17 ta' Novembru 2026

Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Ministru responsabbli għall-Gvern Lokali skont l-artikolu 48(2) tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap. 363), u wara konsultazzjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, qed tinħareġ din id-Direttiva fir-rigward tal-ftuħ tal-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali matul il-perjodu tal-festi.

Minkejja l-obbligu ġenerali għall-ftuħ tal-uffiċini amministrattivi tal-Kunsilli Lokali fil-ġranet tax-xogħol u nhar ta' Sibt, il-Kunsilli Lokali huma awtorizzati li jżommu l-uffiċini amministrattivi tagħhom magħluqa għall-pubbliku nhar:

is-Sibt, 26 ta' Diċembru 2026 u
is-Sibt, 2 ta' Jannar 2027.

Kull Kunsill Lokali li jagħżel li jagħmel użu minn din l-awtorizzazzjoni għandu jinforma lill-pubbliku minn qabel permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni tiegħu, inkluż permezz ta' avviż fl-uffiċċju amministrattiv u fuq il-mezzi diġitali tal-Kunsill.

IFFIRMATA

Emil Vassallo
Segretarju Permanenti, MLGP

Kopji: *Ministru għall-Gvern Lokali u Xogħlijiet Pubbliċi*
Segretarju Permanenti, MLGP
Presidenti, Kunsilli Reġjonali
President, AKL
President, ANSEK
Direttur, Gvern Lokali (Monitoraġġ u Sapport)
Direttur, Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy)
Direttur, Gvern Lokali (International Affairs and Training)
Direttur, Gvern Lokali (Finance and Procurement Compliance)
Direttur, Gvern Lokali (Procurement)